# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru**
**Avviz numru: 1528/00mm**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet l-assikurat taghha Edel Dimech u l-istess Edel Dimech**

**vs**

**Alfalah Emad Eddin Salem**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitt centezmi (Lm531.06) - in kwantu ghal hames mija u sitt liri Maltin u sitt centezmi (Lm506.06) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) lill-attrici Edel Dimech, in linea ta' danni – minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Rahal Gdid fit-23 ta' Gunju, 2000, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura Nru. IAM 948 habat mal-vettura JAE 836 propjeta' ta' l-attrici Edel Dimech - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.